MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru. 456/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**

**VS**

**AHMED ABDALLA YAKOUP**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ahmed Abdalla Yakoup, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 36224 A.

**Akkuzat talli:**

Nhar il-Gimgha 10 ta` Mejju, 2013 ghal habta tad-disgha ta` filghodu (09:00hrs) fi Triq Melita, Valletta, ikkommetta

serq li l-ammont ma jiskorrix il-mitejn tlieta u tletin ewro (€233) u dan ghad-deteriment ta` Adrienne Despott, u dan bi ksur tal-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Akkuzat ukoll li naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu, fuq digriet inghatat mill-Qorti datat 22 ta` Novembru, 2011, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija u dan bi ksur ta` Artikolu 579 tal-Ligijiet ta` Malta;

U akkuzat aktar talli b'hekk fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta` artikolu 49, 50 u 289 dan bi ksur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Akkuzat ukoll talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta` *probation* jew matul il-perjodu ta` liberazzjoni kondizzjoni hekk kif moghtija nhar it-2 ta` Ottubru, 2012, ghall-perjodu ta` sena (1) mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi liema sentenza hija assoluta u li ma tistax tinbidel.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat il-provi prodotta u x-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 284, 579, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni din il-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u tikkundannah prigunerija ghall-perjodu ta` sitt (6) xhur.

Din il-Qorti wara li semghet lill-imputat u hija stess qed tinduna bl-andament tieghu, qedgha tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat iservi din is-sentenza fil-*Forensic Unit* fejn jinstab illum u fejn huwa dovut il-progress tant ovvju go fih.

Il-Qorti tirrakkomanda wkoll lil Dr. Joseph Spiteri sabiex minn zmien ghal zmien jgharraf lil dina l-Qorti bil-progress tieghu ai terminu tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------